MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 329/2004

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Ailwin Cuschieri u l-istess Ailwin Cuschieri**

**Vs**

**Marta Cachia u b'digriet tat-Tribunal tat-2 ta' Marzu, 2004 l-isem gie mibdul ghal Maria Cachia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas Lm669.93c (sitt mija u disgha u sittin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Il-konvenuta rrispondiet li l-incident ma kienx tort taghha.
Ra li din il-kawza hija konnessa ma' kawza ohra **Avviz Numru 335/04PM**.

Ra r-Rikors tal-konvenuta.

Fir-*Road Accident Report* il-pulizija kiteb hekk:

Mary Andrews qalet:

“She was proceeding along Corradino Road when Car Number BBI 996 lost control and collided into her.”

Rachael Cuschieri qalet:

“She was proceeding along Triq Corradino lost control and collided with Car Number LAD 163.”

Il-konvenuta Maria Cachia qalet:

“She was proceeding along Corradino Road lost control and collided into Car Number BBI 996.”

Il-pulizija kiteb ukoll:

“It is to be noted that due to the impact Car Number BBI 996 collided with Car Number LAD 163.”

Ra x-xhieda ta’ Dr Edmond Zammit Laferla li huwa Legal Affairs Executive tas-socjeta’ attrici, li jikkonferma li l-mera li nkisret fl-ewwel impatt m’hijiex parti mill-claim taghhom.

Meta xehdet Rachael Cuschieri qalet li hi skiddjat u habtet mal-mirja tal-vettura ta’ Mary Andrews. Hi harget mill-karozza u kienu qed jistennew lill-pulizija. Imbaghad giet il-vettura tal-konvenuta u habtet fiz-zewg vetturi diga’ mahbutin. Rachael Cuschieri qalet li kellha hsara fuq wara tal-vettura taghha b’rizultat tat-tieni ncident.

Mary Andrews ikkonfermat li l-unika hsara (fil-vettura taghha) li grat bil-habta bejn il-vettura ta’ Cuschieri u l-vettura taghha kienet il-mera tal-vettura taghha.

Mary Andrews qalet li wara li harget mill-vettura taghha giet il-vettura tal-konvenuta u habtet “go nofsna”. Qalet:

"Lili hallietli nofs il-karozza kollha u bid-daqqa ta' l-ohra l-bonnett gholilha."

Mary Andrews qalet li kellha hsara fil-bieba u fil-mera.

Il-konvenuta Maria Cachia qalet:

"Jiena skiddjajt u nghid li milli niftakar hbatt aktar fuq ta' Andrews….il-vetturi ta' Cuschieri w Andrews kienu vicin xulxin. Jiena niftakar li hbatt l-aktar fuq ta' Andrews."
Illi fil-ktieb **(Gibb, Trial of Motor Car Accident Cases page 73 section 90)** gie ddikjarat li:

"Parking in the outer lane amounted to a traffic contravention and was not the cause of the accident. There was a juris tantum presumption that when a stationary car was struck by a moving one, the driver of the moving car was usually liable."

Fil-kawza **Vella Vs Camilleri deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar, 1998** intqal:

"Gie ritenut mill-Qrati taghna li f'materja ta' skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabbilita' nonostante l-iskid; jekk ma tirrizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabbli."

Fl-istess kawza hemm referenza ghall-kawza **Pulizija Vs C. Cachia Vol. 37, pt. 4 p. 920** fejn gie ritenut:

"Ghaldaqstant biex id-difiza ta' skid tirnexxi jehtieg li d-driver jipprova mhux biss li l-iskid kienet dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskid saret bl-ebda tort tieghu u li huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq."

Illi f'din il-kawza l-konvenuta ma gabitx prova li l-iskid kien inevitabbli. Illi huwa veru li kien hemm vettura precedenti

li wkoll tilfet il-kontroll izda dan il-fatt wahdu ma jiggustifikax il-konvenuta. Illi l-konvenuta kellha d-dover li tirregola s-sewqan skond ic-cirkostanzi.

Illi dwar il-hsara fil-vetturi ta’ Cuschieri w Andrews il-konvenuta ma kienetx certa filwaqt li Cuschieri w Andrews it-tnejn xehdu bil-gurament li bhala rizultat ta’ l-ewwel habta kien hemm danni biss fil-mera tal-vettura ta’ Andrews.

Illi Dr Edmond Zammit Laferla ghas-socjeta’ attrici kkonferma bil-gurament li d-danni li rrizultaw wara l-ewwel impatt (u cjoe’ d-danni fil-mera) m’humiex inkluzi fil-pretensjoni tas-socjeta’ attrici.

Illi l-konvenuta tissottometti li l-verzjoni ta’ l-attrici m’hijiex kredibbli ghaliex huwa difficli li temmen li l-ewwel zewg persuni li kienu nvoluti fil-habta kienu jistennew lill-pulizija wara habta daqshekk minima. Illi dan it-Tribunal ikkunsidra din is-sottomissjoni izda kkonkluda li ghandu jemmen il-verzjoni ta’ Andrews u Cuschieri li taw verzjoni kredibbli tal-fatti.

Gew esebiti l-ircevuti.

Illi fir-Rikors tal-konvenuta datat 12 ta’ Novembru, 2004 gie spjegat li skond is-survey l-ammont li kellu jithallas ghal *labour* u *spray* kien ta’ Lm95 (hamsa u disghin lira Maltin) u Lm135 (mija u hamsa u tletin lira Maltin) rispettivament filwaqt li fil-fatt is-socjeta’ attrici qieghda titlob l-ammonti ta’ Lm178 (mija u tmienja u sebghin lira Maltin) u Lm270.25c (mitejn u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu).

Illi ghar-rigward id-differenza bejn is-survey u l-ircevuti attwali dan it-Tribunal jikkunsidra li surveyor jaghmel “stima” tax-xoghol izda meta fil-fatt isir ix-xoghol mhux difficli li l-ispejjez ikunu izjed minn dawk stmati.

Illi fis-survey tal-vettura ta’ Cuschieri jirrizulta li kien hemm danni fil-*left front wing* u fil-*left front door*. Illi m’hemmx indikazzjoni ta’ l-ammont ta’ hsara. Fix-xhieda taghha

Rachael Cuschieri qalet li b'rizultat tal-habta mal-konvenuta kellha hsara fuq wara u ma kellhiex hsara fil-bibien tal-xellug. Ghalhekk hemm lok ta' riduzzjoni fil-pretenzjoni ta' l-atturi fl-ammont ta' Lm100 (mitt lira Maltin) u dan billi ma jistax jinghad li l-konvenuta f'dawn il-proceduri kienet responsabbli ghal-*left front wing*, *left front door* u *door mirror* u dan kif ikkonfermat minn Rachael Cuschieri stess. Illi l-ammont ta' Lm100 (mitt lira Maltin) huwa ragunevoli meta wiehed jikkunsidra li:

“The most extensive damages are on the rear” – Survey Report Dok. EZL 02

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenuta, jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident bejn il-vettura taghha u dawk ta' Cuschieri w Andrews u jikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-atturi f'din il-kawza l-ammont ta' Lm569.93c (hames mija u disgha u sittin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu) bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali u bl-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------